29 ta' Novembru, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Manwel Grima**

## Kalunnja — Inġurja — Appell.

*Jekk f'akkuża ta' kalunnja l-Maġistrat jillibera lill-imputat minħabba nuqqas ta' l-element tad-dolo, mingħajr ma jgħid xejn aktar, il-Prosekuzzjoni ma tistax tappella minn dik is-sentenza hekk liberatorja fuq il-motiv li l-Maġistrat għamel enunċjazzjo-*

*ni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi, billi talleġa li hemm liberatorja minn addebitu ta' inġurja.*

*Kieku l-Maġistrat, wara li llibera mill-addebitu tal-kalunnja, baqa' għaddej biex jikkunsidra jekk kienx il-każ tar-reat minuri ta' l-inġurja, u f'dan l-eżami enunċja żbaljatament xi pont tal-liġi, allura s-sentenza kienet tkun appellabili mill-Prosekuzzjoni; imma jekk il-Maġistrat ma jkunx għamel ebda eżami simili, ma tistax tiġi immaġinata enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi li fugħa l-Prosekuzzjoni tista' tibbaża l-appell tagħha kontra l-liberazzjoni ta' l-imputat.*

B'sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat mhux ħati ta' kalunnja minħabba n-nuqqas ta' l-element tad-"dolo", u lliberatu;

Kontra din il-liberazzjoni nsorġa l-Attorney General bl-appell odjern;

Id-difensur ta' l-imputat eċċepixxa l-inappellabilità tas-sentenza fuq imsemmija;

Trattat dan il-pont, din il-Qorti kkunsidrat;

L-appell tal-Prosekuzzjoni hu, b'liġi, limitat għal ċerti każijiet tassativi;

Dr. Caruana Curran, għall-Kuruna, sostna li s-sentenza hija appellabili għax il-Maġistrat għamel enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi. Biex wasal għal din l-affermazzjoni, hu għamel dan l-argument: il-Maġistrat illibera lill-imputat mill-addebitu ta' kalunnja, imma kien imissu ddikjarah ħati ta' inġurja, u in kwantu ma ddikjarahx ħati ta' inġurja, enunċja skorrettament l-ipotesi tal-liġi;

Issa, minn dan kollu ma hemm xejn fis-sentenza appellata. Il-Maġistrat, fuq l-imputazzjoni ta' kalunnja, irritjena li l-imputat ma kienx ħati ta' kalunnja minħabba nuqqas ta' l-element tax-"scienter", u illibera; xejn aktar. Il-Prosekuzzjoni taqbel ma' din l-assolutorja fuq kalunnja. Issa l-Prosekuzzjoni, però, trid tinfilza fis-sentenza dak li ma hemmx, ċjoè liberatorja minn addebitu ta' inġurja, u wara din l-arkitettazzjoni gratuwita, tgħid li l-Maġistrat enunċja ħażin l-ipotesi tal-liġi. Kien ikun il-każ ta' ammissibilità ta' appell kieku verament il-Maġistrat, wara li llibera mill-kalunnja, baqa' għaddej biex jikkunsidra jekk kienx il-każ ta'

*reat minori* ta' ingurja, u *kieku* f'dan l-eżami enunċja *żbaljatament* xi *pont* tal-liġi; mentri l-Maġistrat ma għamel ebda eżami simili, u għalhekk ma tistax tiġi immaġinata enunċjazzjoni skorretta ta' l-*ipotesi* tal-liġi;

*Hu veru* li kien, forsi, *desiderabili* li l-Maġistrat jgħaddi għal dan l-eżami; imma fil-fatt ma għaddiex, u ma hux issa leċitu li wieħed l-ewwel jikkolma l-lakuna, u, wara li jikkolmaha, igħid li hemm *pont* tal-liġi għall-appellabilità;

Għal dawn ir-raġunijiet il-*Qorti* tilqa' l-eċċezzjoni *taddifiża*, u tiddikjara l-appell irritu u null, u bħala tali tirrespinġih.